KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 22 – IL-ĦAMIS 19 TA' FRAR 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 22.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

22.1.1 Ma kienx hemm.

## 22.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

22.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (22) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Mario Fenech issekonda.

22.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 22.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

22.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li nżammet laqgħa on-site fi Triq Karmenu Vassallo mall-Perit tal-Aġenzija Infrastructure Malta fejn kien hemm ukoll preżenti l-kuntrattur. Is-Sindku fakkar li ftit tax-xhur ilu l-Kunsill iddeċieda fuq lista oħra ta' toroq residenzjali fl-Iklin sabiex isir titjib fl-infrastruttura tat-toroq. L-Aġenzija IM laqgħet it-talba tal-Kunsill u jidher li Triq Karmenu Vassallo ġiet magħżula bħala l-ewwel triq minn lista ta' toroq oħra biex jibda x-xogħol fuqha.

Informa li fi Triq Karmenu Vassallo hemm numru sostanzjali ta' *semi-basement garages* u mill-ewwel bdiet diskussjoni dwar il-livelli tal-bankini u l-issue dwar l-aċċess għar-ramep eżistenti. Is-Sindku żied jgħid li bdiet diskussjoni ma' xi residenti li jirrisiedu fl-imsemmija triq u bdejna nisimgħu s-suġġerimenti tagħhom. Issemmew materji oħra fosthom il-katusi tal-bjut u anke l-qlib tat-triq. Is-Sindku ikkonkluda li l-Perit kien ser jitkellem mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-livelli u nerġgħu nitkellmu.

22.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras għamel riferenza għall-attività tal-Karnival li saret nhar is-16 ta' Frar fejn semma li kien hemm konkorrenza sabiħa mit-tfal tal-Iklin u irringrazzja pubblikament lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri tal-organizazzjoni. Is-Sindku jemmen li permezz ta' dawn l-attivitajiet soċjali qed jissaħħu r-relazzjonijiet mall-komunità tal-Iklin.

22.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa li jidher li hemm ukoll l-interess mir-residenti għall-attività oħra soċjali din id-darba ppjanata bejn it-28 ta' Frar u l-1 ta' Marzu. Irringrazzja lill-Viċi Sindku u lill-Kunsillieri tal-appoġġ sħiħ tagħhom f'dawn l-attivitajiet.

22.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras ressaq suġġeriment biex il-Kunsill jikkunsidra jikkummissjoni espert fis-settur biex tiġi organizzata *round-about* ta' Triq San Mikiel k/m Triq Ġeronimo Abos għaliex hemm ħafna siġar li gguffaw u mingħajr gost ta' xejn.

## 22.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

22.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-12 ta' Jannar u s-17 ta' Frar 2026 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (12 January - 17 February 2026)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address |
|---|---|---|---|---|
| 12 | 20/01/2026 | Tqaċċtet siġra fi service road ta' Triq Dun Karm | settled | Triq Dun Karm |
| 13 | 20/01/2025 | Hemm zkuk tas-siġar imferrxin fi Triq in-Namur | settled | Triq in-Namur |
| 14 | 20/01/2025 | Traffic lights ta' quddiem stabbiliment tan-negozju imdawwrin | pending | Triq Dun Karm |
| 15 | 21/01/2026 | Rapport li hemm cable tad-dawl li qed itajjar in-nar fi Triq il-Prinjol | settled | Triq il-Prinjol |
| 16 | 22/01/2026 | Id-dawl ta' Triq San Mikiel mhux jixgħel | settled | Triq San Mikiel |
| 17 | 22/01/2026 | Wire imdendel fejn 176 Triq Wied | settled | Triq Wied |
| 18 | 22/01/2026 | Id-dawl ta' Triq il-Klin mhux jixgħel | settled | Triq il-Klin |
| 19 | 22/01/2026 | Hemm materjal tal-kostruzzjoni mormi quddiem substation tad-dawl fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied |
| 20 | 17/01/2026 | Bankina miksura mill-kuntrattur ma tistax timxi fuqha Triq Ċensu Busuttil lejn Triq P. M. Vella | pending | Triq C Busuttil |
| 21 | 23/01/2026 | Bandli fid-dlam fi Pjazza Ninu Cremona | settled | Triq G E Mercer |
| 22 | 23/01/2026 | Bankina biċ-ċangatura difettuża quddiem 26 Triq D Cachia | pending | Triq D Cachia |
| 23 | 23/01/2026 | Bozza L192/28 mitfija ma' 186 Triq Wied | pending | Triq Wied |
| 24 | 23/01/2026 | Siġar qed jesporġu għal fuq il-bankina fi Triq il-Plejju u Triq il-Prinjol | pending | Triq il-Plejju/Triq in-Namur |
| 25 | 23/01/2026 | Tabella mar-roundabout fi Triq San Mikiel biex tinbidel | settled | Triq San Mikiel |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 26 | 30/01/2026 | Borża griża fejn nru. 42 Triq G M Azzoaprdi maqbuża | settled | Triq Ġ M Azzopardi |
| 27 | 30/01/2026 | (4) boroż oranġjo taħt doggybin ma nġabrux Triq G Locano | settled | Triq G Locano |
| 28 | 30/01/2026 | Id-dawl ta' barra fi Triq Timu u Triq G Locano mhux jixgħel | settled | Triq Timu/G Locano |
| 29 | 30/01/2026 | Wire gozz m'arblu fi Triq S Erardi c/e G Curmi | pending | Triq S Erardi |
| 30 | 30/01/2026 | Wire imdendel fi Triq E S Inglott | pending | Triq E S Inglott |
| 31 | 02/02/2026 | Rapport li (2) lampi ma' nbiddlux għal dawk ġodda | pending | Triq il-Klin/Triq il-Ħwawar |
| 32 | 02/02/2026 | Bozza mitfija W124/28 ma 73 Pjazza Ninu Cremona | pending | Pjazza Ninu Cremona |
| 33 | 02/02/2026 | 2 Bozoz mitfija fi Tirq S Erardi | pending | Triq S Erardi |
| 34 | 03/02/2026 | Hemm kurduna miksura quddiem nru. 80, fi Triq Ċensu Busuttil | pending | Triq Ċensu Busuttil |
| 35 | 03/02/2026 | Id-dawl ta' barra fi Triq Namur mhux jixgħel | settled | Triq in-Namur |
| 36 | 03/02/2026 | Ilment dwar ħsejjes eċċessivi mit-tappieri (manhole covers) eżistenti fi Triq il-Wied | pending | Triq il-Wied |
| 37 | 03/02/2026 | Dan is-sewwieq ġarrab ħsarat fil-vettura minħabba pot hole fi trinka fi Triq Ħal-Għargħur. Qed jitlob għal rimedju. | pending | Triq Ħal-Għargħur |
| 38 | 02/04/2026 | Talba biex isiru iktar sinjali tat-triq u tabella ta' Triq il-Ħarruba fil-parti li tmiss ma' Triq il-Wied. Peress li t-triq tkopri bejn Triq il-Wied u Triq il-Plejju, m'hemmx bħal indikazzjoni li Triq il-Ħarruba titkompla | pending | Triq il-Ħarruba |
| 39 | 02/04/2026 | Hemm trinka niżlet u bil-ħofor fi Triq PM Vella | pending | Triq PM Vella |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 40 | 02/04/2026 | Rapport li hemm *cat feeder* fi Triq May Butcher li qed jitma t-tiġieġ u s-sriedak ukoll. Qed iħammġu t-triq u qed jittajjru mill-vetturi. | pending | Triq May Butcher |
| 41 | 02/05/2026 | (2) bramel rubbish fuq bankina fejn nru 35 Triq Ċ Bugeja | pending | Triq C Bugeja |
| 42 | 02/05/2026 | Bozza mitfija L125/28 fejn 5 Triq Luq | settled | Triq Luq |
| 43 | 06/02/2026 | Qed jipparkja truck fi Triq Ċensu Busuttil | pending | Triq Ċensu Busuttil |
| 44 | 11/02/2026 | Boroż oranġjo f'toroq Namur, Prinjol, G Locano, G Bonnici .... ilhom erba' ġimgħat | pending | various |
| 45 | 14/02/2026 | Din ir-residenta ħarġet boroż bit-terrapien u l-kollettur fetaħ il-boroż li kienu b'materjal tal-kostruzzjoni u ferrxu fit-triq | closed | Triq Gwann Mamo |
| 46 | 14/02/2026 | Qattus mejjet fi Triq il-Wied fejn Red Farm | settled | Triq Wied |
| 47 | 14/02/2026 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq il-Ħwawar c/w Triq il-Wied | pending | Triq il-Ħwawar |
| 48 | 14/02/2026 | Talba biex titneħħa Un/loading bay quddiem Spekna Triq G Abos għax għalaq l-istabbiliment | pending | Triq Ġ Abos |
| 49 | 16/02/2026 | Talba biex titneħħa 'disabled bay' minn Triq Ċ Busuttil għax mhiex tintuża | pending | Triq Ċ Busuttil |
| 50 | 17/02/2026 | Hemm tabella mdawwra faċċata ta' stabbiliment tan-negozju fi Triq G Abos | settled | Triq Ġ Abos |
| 51 | 17/02/2026 | Bozza mitfija S01928 fi Triq Klin c/w Triq s Erardi | pending | Triq il-Klin |

## 22.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

22.5.1 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk hux possibbli li l-kuntrattur/i jfasslu l-bankini ġodda billi jsiru livell wieħed u jsiru spralli fil-bankina għal min ikollu diffikultajiet bil-katusi tal-bjut.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li se jkun qed iwassal dan is-suġġeriment mall-Perit tal-Aġenizja IM meta terġa tissejjaħ laqgħa dwar il-proġett ta' Triq Karmenu Vassallo.

22.5.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa dwar l-attività kulturali Festa Fjuri peress li għandu l-kuntatti u jista jassisti fil-loġistika biex il-Kunsill jabbelixxi soft landscapings eżistenti.

Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill qed jistenna d-Direttorat biex toħroġ l-iskema finanzjarja biex il-Kunsill ikun jista japplika għall-fondi filwaqt li japprezza kull forma ta' għajnuna biex l-edizzjoni Festa Fjuri 26 tkun suċċess. Informa li l-Uffiċċju kien diġa sejjaħ laqgħa ma' Ambjent Malta biex niddiskutu xi idejat fosthom li jiġi ttrasformat ġnien fl-ispazju miftuħ ta' Pjazza Ninu Cremona. Fil-fatt, inżammet laqgħa f'Jannar li għadda ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u fejn ġew diskussi l-pjanijiet tal-Kunsill għall-edizzjoni ta' din is-sena. Aktar tard, il-Kunsill irċieva komunikat minn Ambjent Malta fejn għal sena oħra kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom bħas-snin preċedenti, biss però ma setgħux jilqgħu l-proposta tal-Kunsill u cioè li l-ispazju miftuħ jiġi ttrasformat fi ġnien għal waqt Festa Fjuri.

Ser jieħdu sehem billi jtellgħu stand u jippromwovu l-missjoni ta' din l-entità li hija responsabbli għall-preservazzjoni u t-titjib tal-kapital naturali u l-bijodiversità ta' Malta f'pajsaġġi rurali, urbani, kostali u tal-baħar. AM hija responsabbli għall-implimentazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura ħadra u miżuri ta' restawr tal-ħabitat biex jinżammu u jiġu rrestawrati żoni naturali u siti protetti, inklużi żoni li jiffurmaw parti min-netwerk Natura 2000.

22.5.3 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk il-Kunsill jistax jirrikorri għand il-privat biex inżommu mall-pjan li ddeċieda l-Kunsill dwar il-kunċett ta' Festa Fjuri għal din is-sena.

Ċertament, il-Kunsill se jkun għaddej bix-xogħol u l-preparamenti kollha neċessarji biex nippruvaw nilħqu l-oġġettiv tal-Kunsill.

## 22.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

22.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

22.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unqnimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

## 22.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

22.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

22.7.2 Applikazzjoni PA 00288/26 – 10, Aciere, Triq Karmenu Vassallo L-Iklin – To sanction minor amendments from PAPB350/87 including change in boxroom and toilet on ground floor, and doing an open balustrated balcony instead of a closed masonry balcony on the elevation. There is also a slight change in profile of garage door.

22.7.3 Applikazzjoni PA 00868/26 – Amaryllis, 21 Triq Erin Serracino Inglott L-Iklin – 'Demolition of existing dwelling, excavation works and construction of a basement level, x4 3-bedroom apartments and x1 2-bedroom penthouse

22.7.4 Applikazzjoni PA 00719/26 – 5 Marathea, Private Rd off, Triq Enrico Naudi L-Iklin – 'Demolition and reconstruction of fully detached villa. Works include excavation, changes to site levels, and alterations and additions of landscaping which vary from previous approved permits

22.7.5 Applikazzjoni PA 00615/26 – Il-Barriera, Triq il-Ħwawar L-Iklin – To sanction development approved by PA 2645/22 (warehousing Class 5A and offices Class 4A) and proposed alterations, extensions and additional floor (Class 4A offices).

Proposed alterations and extensions to development approved by PA588/24 (warehousing Class 5A and offices Class 4A) and to form connection between approved permits to consolidate developments.

22.7.6 Applikazzjoni PA 08139/25 – 93/93A Triq Ġeronimo Abos L-Iklin 'To sanction the property as existing from PB2818/89. 2) Minor internal alterations at ground floor level including the installation of a lift. 3) Demolition of existing first floor and washroom. 4) Construction of three (3) overlying apartments and a penthouse at receded floor level.

22.7.7 Applikazzjoni PA 06368/25 – 37, Triq Ġeronimo Abos L-Iklin – 'Change of use from existing terrace house to Class 4A and Class 4B and construction of two overlying apartments

## 22.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QFR JAN-DIĊ 2025

22.8.1 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta rapport finanzjarju dettaljat li jkopri l-perjodu bejn Jannar u Diċembru 2025.

22.8.2 L-Accountant ta spjegazzjoni fid-dettal tal-Quarterly Financial Report li jkun jinkludi overview & summary, statement of income and expenditure, statement of Financial Position, Cash flow statement, Detailed Income, Detailed Expenditure, Detailed Statement of Financial Position, & Depreciation of Plant, Property & Equipment.

22.8.3 L-Accountant ta rendikont dettaljat tad-dħul u l-ħruġ. Id-dħul kien ta' Eur382,524 filwaqt li l-ħruġ kien ta' Eur365,447. Id-deprezzament kien ta' Eur22,389. B'riżultat ta' dan, il-Kunsill kien ser jagħlaq b'surplus ta' Eur17,077. L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 kienet ta' Eur308,857. Dħul mill-permessi kien ta' Eur28,454, dħul mill-LES kien ta' Eur1,609 filwaqt li dħul ieħor mill-attivitajiet komunitarji kien ta' Eur9,893. Is-salarji laħqu Eur132,482 filwaqt li l-ispejjeż 'Operations& Maintenance' telgħu għal Eur161,572. L-ispejjeż amministrattivi laħqu t-total ta' Eur49,004

22.8.4 L-Accountant ikkonkluda r-rapport billi qal li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill tibqa waħda b'saħħitha kif jixhed l-Financial Situation Indicator ta'67%.

22.8.5 Is-Sindku Dott Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

22.8.6 Imbagħad is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-Quarterly Financial Report Jan – Dec 2025.

22.8.7 Il-Kunsill approva nem con.

**(Ara dok E)**

## 22.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-UNAUDITED FS 2025

22.9.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-unaudited Financial Statements għas-sena 2025.

22.9.2 L-Accountant ippreżenta l-kontenut li fih dan ir-rapport għall-attenzjoni sħiħa tal-preżenti. Ġie moqri l-istatement of Local Council Members' and Executive Secretary's responsibilities, Statement of Financial Position, Statement of Comprehensive Income, Statement of changes in equity, Statement of Cash Flows & Notes to the Financial Statements.

22.9.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

22.9.4 Ma kienx hemm.

22.9.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidraw u japprovaw l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2025.

22.9.6 Il-Kunsill approva nem con. L-istqarrijiet finanzjarji ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bid-data tat-19 ta' Frar 2026 u kien ser jintbagħat fl-immedjat biex ikun onorat *deadline* stabbilit fiċ-Ċirkolari li ħareġ id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**(Ara dok. F)**

## 22.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2026

22.10.1 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2026.

22.10.2 L-Accountant ippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2026. L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2026 ser tlaħħaq Eur326,485.

22.10.3 Wara diskussjoni dwar l-estimi u l-proġetti ppjanati għas-sena kurrenti, is-Sindku Dott. Sciberras saħaq li l-Kunsill għandu jkun kawt fl-infieq u għandu jżomm mall-kunċett tal-prudenza fl-infieq ta' fondi.

Proġetti proposti li hemm ippjanati għas-sena kurrenti huma r-rinnovar tas-Sala tal-Kunsill, il-manutenzjoni u titjib ta' *soft landscaping* fi Triq Anton Buttigieg, il-proġett ta' titjib u tisbieħ f'Wesgħa J.B. Scicluna u l-proġett propost re-design/regeneration ta' Pjazza Ninu Cremona.

22.10.4 Il-Kunsill approva *nem con*

**(Ara dok. Ġ)**

**22.11 AĠĠORNAMENT DWAR PETIZZJONI NRU. 0832/2025 'A PETITION FOR THE EU ON NUISANCES CAUSED BY AN ASPHALT PROCESSING FACILITY IN A RESIDENTIAL AREA IN MALTA**

22.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li l-Kunsill irċieva komunikat mill-Committee on Petitions li s-smiegħ tal-petizzjoni bin-numru 832/2025 ġiet skedata għal nhar is-26 ta' Frar fi Brussell.

22.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras talab l-approvazzjoni tal-preżenti sabiex id-delegazzjoni tkun magħmula mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv li kien issottometta l-petizzjoni u resident mill-Iklin li huwa wkoll membru fis-sotto-Kumitat li kien twaqqaf mill-Kunsill ftit tas-snin ilu proprju dwar il-kwalità tal-arja fl-Iklin.

22.11.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li kien se jlaqqa s-sotto Kumitat biex jipprepara tajjeb peress li ġie mitlub sabiex jagħmel l-intervent tiegħu waqt is-smiegħ tas-26 ta' Frar. Irringrazzja pubblkament lill-MEPs Dott. Peter Agius u Dott. Alex Agius Saliba tal-appoġġ tagħhom fuq din il-materja.

22.11.4 Imbagħad is-Sindku talab il-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jawtorizza l-ispiża relatata mall-biljetti tal-ajru, akkomodazzjoni, polza ta' assikurazzjoni u *per diem subsistence allowance*.

22.11.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 22.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

22.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 12 ta' Marzu 2026 fil-5.30 pm.

22.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2026 fil-5.30 pm.

22.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.10 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv